26 ta' Marzu, 1967.

Imħallef:—

Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Felix Borg *versus* Paul Vella Muscat

**Self — Tibdil fl-Istat tad-Debitur — Dekadenza mit-Terminu — Art. 1122 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-fatt biss li d-debitur, li kellu jħallas id-dejn tiegħu b'rati perjodiċi, jibqa' moruż fil-ħlas tar-rati mifthema, ma hux biżżejjed biex jimporta dekadenza tad-debitur mill-benefiċċju tat-terminu, jekk ma tkunx ġiet pattwita espressament din id-dekadenza għall-każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' dawk ir-rati.*

*Biex ikun hemm lok, mbgħad, għal din id-dekadenza minħabba tibdil fl-istat finanzjarju tad-debitur, jeħtieġ li l-Qorti tkun soddisfatta li hemm mutament tali finanzjarju li l-kreditur ikun fil-perikolu li jitlef il-kreditu tiegħu.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attur, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, billi l-instanti huwa kreditur tal-konvenut (a) b'kuntratt in atti tan-Nutar George Bonello Dupuis tal-21 ta' Ġunju 1956 fl-ammont ta' £120, li dan kellu jħallas b'rati mensili ta' £4 l-waħda minn l-ewwel ta' Awissu 1956, (b) fl-ammont ta' £45. 11. 6 lilu mislufa bl-annessa skrittura tal-31 ta' Lulju 1956 (dok. B), u (ċ) fl-ammont ta' £3. 12. 0 lilu mislufa skond l-annessa skrittura tat-2 ta' Awissu 1956 (dok. C), u fl-ammont ta' £1 lilu mislufa "brevi manu"; u hekk b'kollox, fl-ammont ta' £170. 3. 6; u billi l-konvenut ma ħallasx l-ebda rata mensili skaduta akkont tal-ewwel kreditu, u reċentement biddel il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu, billi spiċċa mill-impieg permanenti li kellu ta' skrivan bis-salarju ta' £34 fis-xahar; u għalhekk l-instanti huwa fil-

perikolu li jitlef il-pagament tal-imsemmi kreditu tiegħu; talab li l-konvenut, għal dawn ir-raġunijiet, jiġi dikjarat dekadut mill-benefiċċju tat-terminu lilu mogħti għall-pagament tad-debitu tiegħu, u l-esponenti jiġi awtorizzat jeżegwixxi l-imsemmi kuntratt għal-pagament tal-imsemmi ammont ta' £120; u l-konvenut jiġi kundannat anki jħallas l-ammonti dovuti, ammontanti għal £50. 3. 6, għall-krediti naxxenti mill-imsemmija żewġ kirografi (dok. B u Ċ), u għall-mutwu "brevi manu" fuq imsemmi. Bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att, u l-ispejjeż, komprizi dawk tal-mandat tas-sekwestru tas-27 ta' Frar 1957;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mid-dokument "A" (fol. 4 tal-proċess) jirriżulta li l-konvenut ikkostitwixxa ruħu debitur versu l-attur fis-somma ta' £120, li huwa kien irċieva f'diversi drabi "brevi manu", u obliga ruħu li jħallasha bla mgħax b'rati mensili ta' £4 l-waħda, u kellu jibda l-ewwel pagament fl-ewwel ta' Awissu 1956. Milli jidher mill-provi, il-konvenut ma ħallas ebda akkont; iżda pero' jingħad li fl-att imsemmi ma ġiet pattwita ebda dekadenza mit-terminu; sikke' l-attur, dwar din is-somma, sabiex jirnexxi biex jeħodha globalment u mhux biss għar-rati skaduti, irid jipprova li l-istat tad-debitur ġie talment mutat li l-kreditu tiegħu jinsab fil-perikolu li ma jiġix imħallas, kif ippropona li jagħmel fl-att taċ-ċitazzjoni. Jingħad l-istess ħaġa għas-somma bilanċjali ta' £45. 11. 6, li għaliha obliga ruħu li jħallas ma' martu, li kkroċesenjat biss l-iskrittura bla ebda awtentikazzjoni. Fl-aħħarnett, il-konvenut rċieva £3. 12. 0 fit-2 ta' Awissu 1956 li kellu jħallas f'għaxar tijiem, li naqas milli jħallas; u huwa debitur, skond il-provi, ukoll għall ammont ta' £1, lilu mislufa "brevi manu". B'kollox fl-ammont ta' £170. 3. 6;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur, għal-finijiet tad-dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu, adduċa żewġ raġunijiet, u ċjoe' dwar l-ewwel kreditu msemmi, billi l-konvenut ma ħallas l-ebda rata mensili skaduta akkont tiegħu, u dwar li-stess l-ewwel kreditu u t-tieni kreditu, billi l-konvenut reċentement biddel il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu billi spiċċa mill-impieg permanenti li kellu ta' skrivan b'salarju ta' £34 jew £40 fix-xahar, u għalhekk l-istess instanti huwa fil-perikolu li jitlef il-pagament tal-imsemmi kreditu tiegħu;

Illi, dwar l-ewwel raġuni, jingħad li ġie kemm il-darba deċiż li "la sola mora nel pagamento delle rate di un debito non trae seco di conseguenza la decadenza del debitore dal beneficio del termine, ma è necessario a tale effetto il concorso delle condizioni menzionate nell'articolo 785 dell-Ordinanza VII del 1868 (il-lum 1122 tal-Kodiċi Ċivili)". Ara P.A. Ċivili 30 ta' Ġunju 1874, "Giuseppe Teuma vs. Paolo Ceravolo", Vol. VII, paġ. 201; P.A. Ċivili 3 ta' Mejju 1930, "Giuseppe Grech vs. Tommaso Xuereb et.", Vol. XXVIII, P. II, paġ. 234;

Illi, kwindi, l-ewwel raġuni addotta mhix aċċettabli sabiex tiġi dikjarata d-dekadenza tal-konvenut;

Illi, dwar it-tieni raġuni, jingħad illi li-stess, biex tiġi akkolta, il-Qorti trid tkun soddisfatta illi hemm mutament finanzjarju li l-kreditu tal-attur ikun fil-perikolu;

Illi mill-provi l-Qorti hija soddisfatta li ċ-ċirkustanzi finanzjarji tad-debitur il-lum ma għadhomx l-istess kif kienu meta l-konvenut ikkontraha d-djun imsemmija fil-kitba eżibita fil-proċess, u kwindi l-attur jinsab fil-perikolu li jitlef il-krediti tiegħu;

Illi, dwar l-ammont mitlub, l-istess jinsab sostnut mix-xhieda tal-attur;

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi billi, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut biddel l-istat finanzjarju tiegħu b'mod li l-kreditur huwa fil-perikolu li jitlef il-kreditu tiegħu, b'mod li ddekada mill-benefiċċju tat-terminu, tilqa' t-talba attriċi; bl-imgħax legali mill-jum tan-notifika tal-att taċ-ċitazzjoni; u bl-ispejjeż.